MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 40/2008/1

**Andrew u Lorena konjuġi Vella, u Olympia Borg u żewġha Michael għal kull interess li jista' jkollu**
***v.***
**Kummissarju tal-Art; Segretarju Parlamentari Erarji Pubbliċi u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; Ministru Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment; Ministru għal Għawdex; l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fit-23 ta' April 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-

kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet it-talba tagħhom għal rimedju għax ma sabet ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom mħarsa taħt l-artt. 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], l-artt. 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll].

**Ir-Rikors tal-Atturi**

2. Bir-rikors kostituzzjonali tat-23 ta' Lulju 2003 li bih inbdiet din il-kawża tallum l-atturi fissru illi huma flimkien ma' oħrajn kienu fetħu kawża kontra l-Kummissarju tal-Art ["il-Kummissarju"]. F'dik il-kawża l-atturi kienu qalu illi huma kienu s-sidien ta' biċtejn art maqsuma mir-raba' magħruf bħala *ta' Troppu*, u li l-Kummissarju kellu biċċa art maqsuma oħra fl-istess raba' li kien kiseb bis-saħħa ta' ordni ta' esproprjazzjoni pubblikata fil-ħarġa tad-19 ta' Ġunju 1991 tal-Gazzetta tal-Gvern. Il-gvern, iżda, flok ma żamm mal-iskop li għalih kienet saret l-esproprjazzjoni – it-twessigħ tat-triq – bidel l-użu u għamel *belvedere* u biex għamel hekk użurpa l-ħxuna tal-ħajt li jifred din l-art tal-gvern minn dik tal-atturi. Billi dehrilhom li kellhom jedd taħt l-art. 434 tal-Kodiċi Ċivili illi jibnu ħajt fuq il-linja tal-konfini tal-art tagħhom, u li kellhom ukoll jedd taħt l-art. 420 tal-Kodiċi Ċivili li jġiegħlu lill-Kummissarju bħala ġâr joħroġ sehem mill-ispejjeż tal-bini tal-ħajt, sal-għoli msemmi fl-art. 408, l-atturi fetħu dik il-kawża u talbu illi l-qorti (1) tgħid illi għandhom kull jedd li jibnu ħajt fuq il-linja tal-konfini tal-art tagħhom u (2) tagħtihom is-setgħa li jibnu l-ħajt sal-għoli li trid il-liġi u ġġiegħel lill-konvenut joħroġ sehem mill-ispejjeż tal-bini tal-ħajt sal-għoli li jrid l-art. 408 tal-Kodiċi Ċivili wara li jittieħed qies tax-xorta u tal-invell tal-art.

3. Il-Kummissarju kien baqa' kontumaċi u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, li quddiemha kienet saret il-kawża, b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 2004 laqgħet it-talbiet tal-atturi u ħatret ukoll perit sabiex jissorvelja x-xogħlijiet li kellhom isiru sabiex tiġi esegwita s-sentenza.

4. L-atturi komplew ifissru illi l-Kummissarju, kif ukoll il-Kunsill Lokali tan-Nadur, għamlu dak kollu li setgħu sabiex ifixklu l-esekuzzjoni tas-sentenza. L-esekuzzjoni tas-sentenza bdiet u kellha titkompla fil-5 ta' April 2008.

5. Ġara illi fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta’ April 2008 bin-notifikazzjoni numru 284 il-President ta’ Malta kien ordna li l-Onor. Giovanna Debono tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta’ Prim’Ministru b’seħħ mit-3 ta’ April 2008. Inċidentalment, igħidu l-atturi, fl-istess ħarġa u fin-notifikazzjoni numru 285 saret dikjarazzjoni li l-art milquta bis-sentenza tal-25 ta’ Ġunju 2004 kienet meħtieġa mill-gvern għal skop pubbliku u għalhekk il-gvern kisibha b’titolu ta’ xiri assolut b’kumpens ta’ tlieta u għoxrin elf u tliet mitt euro (€23,300). L-atturi iżda bi protest ġudizzjarju iddikjaraw illi ma għandhom il-ħsieb li jaċċettaw ebda kumpens għax jinsistu fuq il-jedd tagħhom li l-art tibqa’ proprjetà tagħhom.
6. L-atturi komplew igħidu wkoll illi l-awtoritajiet kisbu din il-proprjetà “biex jiġu newtralizzati l-effetti tas-sentenza” tal-25 ta’ Ġunju 2004; igħidu wkoll illi l-interess ma kienx daqshekk pubbliku imma kien wieħed privat ta’ terzi li huma “midħla sew politikament ta’ min għandu s-setgħa li jiddeċiedi f’Għawdex”, u li ma ridux illi l-atturi jtellgħu ħajt bejn l-art tagħhom u dik pubblika, kif riedet is-sentenza.
7. Għal dawn ir-raġunijiet l-atturi jgħidu illi l-għemil tal-konvenuti huwa maħsub biex jikser il-jedd ta’ smigħ xieraq billi jċaħħad lill-atturi minn dak li kisbu ġudizzjarjament u kif trid il-liġi, bi ksur ukoll tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*. Għalhekk qegħdin jinkisru d-drittijiet fondamentali tal-atturi, imħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għax il-gvern esekuttiv qiegħed b’għemilu jużurpa s-setgħa ġudizzjarja tal-qrati.
8. Aktar minn hekk, ikomplu jgħidu l-atturi, b’abbuż ta’ poter il-konvenuti qegħdin jiksru l-jeddijiet fondamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà privata mħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.
9. Fl-aħħarnett l-atturi igħidu illi l-għemil tal-konvenuti huwa diskriminatorju bi ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni u l-art. 45 tal-Kostituzzjoni.

**It-Talbiet**

10. Għal dawn ir-raġunijiet l-atturi talbu illi din il-qorti tgħid illi l-għemil tal-konvenuti jikser il-jeddijiet tagħhom imħarsa taħt l-artt. 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-artt. 6 u 14 tal-Konvenzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u, sabiex

tassikura illi dawn il-jeddijiet ma jkomplux jinkisru, tagħti l-provvedimenti xierqa fiċ-ċirkostanzi, fosthom billi tgħid illi t-teħid tal-art tagħhom ma għandu jkollu ebda effett fil-liġi u illi l-art għandha tibqa' proprjetà tagħhom.

**It-Tweġiba tal-Konvenuti**

11. Il-konvenuti wieġbu fit-30 ta' Lulju 2008 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. ma jeżisti ebda "Ministru Permanenti" fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investimenti: hemm biss il-ministru nnifsu li postu ma huwiex f'din il-kawża għar-raġuni mogħtija fit-tieni eċċezzjoni;

ii. il-konvenuti kollha ħlief il-Kummissarju ma kellhomx għalfejn jiddaħħlu fil-kawża għax l-għemil kollu li dwaru qegħdin jilmentaw l-atturi twettaq mill-Kummissarju, u l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi l-gvern "ikun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarju mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

iii. il-qorti għandha tagħżel li ma tqisx aktar ir-rikors tal-atturi għax ir-rikors huwa maħsub sabiex jattakka u jikseb li jitħassar l-esproprju li seħħ f'April 2008 u dan seta' u għadu jista' jsir taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili quddiem il-qrati ordinarji;

iv. ma hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għax l-atturi kellhom u għad għandhom aċċess għall-qrati tal-pajjiż fejn jitħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u fejn l-eżekuttiv ma jindaħalx fid-deċiżjonijiet li jittieħdu; is-setgħa tal-istat li jesproprja art joħroġ mil-liġi mgħoddija demokratikament mill-Parlament li minnha jibbenefika l-poplu kollu;

v. ma hemm ebda ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll għax ħadd ma għandu jiġi mċaħħad mill-beni tiegħu ħlief fl-interess pubbliku, u għalhekk l-istat għandu l-jedd li jikseb art għal dan l-iskop, kif ġara fil-każ tallum;

vi. ma hemm ebda ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni għax ma saret ebda diskriminazzjoni mal-atturi fit-teħid tal-proprjetà tagħhom.

**Is-Sentenza appellata**

12. B'sentenza tat-23 ta' April 2010, li minnha qiegħed isir l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-

ispejjeż kontriehom. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

«Illi l-fatti fil-qosor, li waslu għal din il-kawża huma s-segwenti. Ir-rikorrenti jipposjedu b'mod diviż u separat porzjoni art msejħa *Ta' Troppu* li qiegħda fil-limiti tan-Nadur, Għawdex. Fl-1991, il-Gvern esproprja biċċa art adjaċenti għal skop pubbliku u ġiet żviluppata f'*belvedere* li ġiet tmiss mal-proprjetà tar-rikorrenti li kienet f'livell aktar baxx.

«Meta żviluppa dan il-*belvedere*, il-Gvern waqqa' l-ħajt tas-sejjigħ li kien jiddividi l-art li akkwista u l-proprjetà tar-rikorrenti, għamel *railings* tal-ħadid biex ma tiġix ostakolata l-veduta u l-iskop tal-*belvedere*. Ir-rikorrenti, fit-termini tal-artikolu 434 tal-Kodiċi Ċivili, fetħu kawża kontra l-Kummissarju tal-Art quddiem il-Qorti t'Għawdex, fejn talbu li jittella' ħajt li jiddividi l-proprjeta' tagħhom ma' dik tal-Gvern (Ċitazzjoni Numru 32/04).

«Ġara li l-konvenut Kummissarju tal-Art waqa' kontumaċi f'dik il-kawża u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 2004, laqgħet it-talbiet tal-atturi u awtorizzat il-bini tal-ħajt diviżorju.

«Meta beda jsir ix-xogħol ta' bini tal-ħajt, jidher li xi uħud mir-residenti oġġezzjonaw li l-ħajt kien se jwassal li jtellef il-veduta li kien l-iskop li għalih saret il-*belvedere*, speċjalment wara li ġie ċarat mill-istess Qorti t'Għawdex li l-għoli tiegħu 'l fuq mill-wiċċ tal-*belvedere* għandu jkun ta' metru u nofs. Inqala' diżgwid kbir bejn il-parijiet dwar fejn u kif kellu jitla' l-ħajt, u x'kellu jsir mill-i*street furniture* li kien poġġa fuq il-*belvedere* l-Gvern għat-tgawdija mill-pubbliku.

«Wara li l-Qorti t'Għawdex, eventwalment, ikkonfermat kif u fejn kellu jsir il-ħajt, u kien se jibda x-xogħol relattiv, il-Kummissarju tal-Artijiet ipprova jwaqqaf ix-xogħol b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 30/08) u dana peress li l-Gvern kien iddeċieda li jesproprja parti mill-art tar-rikorrenti u preċiżament dik li tmiss mal-*belvedere*; it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ġiet miċħuda b'digriet tal-15 ta' Mejju 2008, u dana wara li r-rikorrenti preżenti (intimati fil-proċeduri għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni) għamlu dikjarazzjoni espressa li ma kinux ser ikomplu bl-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm ikun hemm deċiżjoni

finali mill-Qorti kompetenti dwar il-validità *o meno* tal-esproprju li sar; il-Qorti osservat ukoll, li l-istess intimati ma setgħu jagħmlu xejn fl-art espropprijata peress illi fit-termini tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, dik l-art saret proprjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta.

«Ir-rikorrenti ressqu dawn il-proċeduri proprju biex jittentaw iwaqqgħu l-esproprju li sar mill-Gvern ta' parti mill-proprjetà tagħhom. Ir-rikorrenti qed jikkontestaw l-esproprju peress li jsostnu li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom ta' smigħ xieraq, ta' tgawdija tal-proprjetà/possedimenti tagħhom, u d-dritt li ma jsir xejn diskriminatorju fil-konfront tagħhom.

«Trattat, issa, l-każ din il-Qorti tibda biex tosserva li:

«Id-dritt ta' proprjetà huwa dritt rikonoxxut mil-liġi domestika, u jitqies dritt li jikkomprendi l-*ius utendi*, *ius fruendi* u *ius abutendi*. Dan id-dritt, però qatt ma kien konċepit f'termini assoluti u fost il-limitazzjonijiet li nsibu fil-Kodiċi Ċivili hemm l-artikolu 321 li jiddisponi li,

"Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku u bil-ħlas ta' indenizz ġust".

«Minn dan isegwi li l-proprjetarju m'għandux dritt iżomm milli titteħidlu l-proprjetà, sakemm dan it-teħid isir għal skop pubbliku u versu kumpens ġust. Id-drittijiet li l-liġi domestika tagħti lill-proprjetarju huma dawk li jikkontesta l-iskop tat-teħid tal-proprjetà tiegħu u jesiġi kumpens ġust. M'għandu ebda dritt li jikkontesta t-teħid ta' proprjeta' *ut sic*. Il-poter amministrattiv tal-Gvern li jieħu taħt idejh proprjetà privata hija indiskussa u insindikabbli; dak li jista' jiġi kuntestat huwa l-mod kif jaġixxi u r-raġuni għala ittieħdet art partikolari u l-kumpens offrut. Dan hu rifless ukoll fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiddisponi li ħadd m'għandu jiġi mċaħħad mill-proprjetà tiegħu jekk mhux versu kumpens xieraq determinabbli minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi, u fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li jgħid li,

"Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku … … …"

«Dak li għandu dritt jikkontesta l-proprjetarju huwa l-iskop pubbliku tat-teħid tal-pussess, iżda mhux id-dritt insitu fil-Gvern li jesproprja proprjetà fl-interess pubbliku. Id-dritt

taċ-ċittadin interessat li jikkontesta l-iskop tal-esproprjazzjoni jinsab determinat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna … … … iżda dritt biex dak li jkun jikkontesta d-dritt tal-Gvern li jesproprja art ma jeżistix u ma jistax jiġi kontemplat, peress li dan id-dritt huwa insitu fl-awtorità tal-Gvern. Kif ingħad, huwa l-eżerċizzju ta' dak id-dritt li jista', fil-każ partikolari, jkun *challenged*, u mhux id-dritt innifsu. … … …

«Il-liġi domestika ta' pajjiżna ma tagħtix id-dritt lill-proprjetarju jikkontesta t-teħid tal-proprjetà mill-Gvern, dment li jeżistu ċerti kundizzjonijiet; fil-fatt id-dritt tal-proprjetarju huwa limitat biss biex jikkontesta l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet. Minn dan isegwi li, taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma hemmx dritt ta' smigħ marbut mad-dritt *ut sic* tal-Gvern li jesproprja art ta' terzi. Id-dritt taċ-ċittadin għal smigħ xieraq jeżisti meta tkun kwistjoni dwar determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tiegħu, mentri fil-każ ta' esproprju kif rajna, iċ-ċittadin m'għandux dritt jostakola lill-Gvern u lanqas li jkun mismugħ; id-drittijiet taċ-ċittadin huma marbuta mal-ħtieġa li l-esproprjazzjoni verament tkun meħtieġa għal skop pubbliku, l-istess isir kif trid il-liġi u li jingħata kumpens adegwat. … … …

«Altrimenti, ir-rikorrenti, taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, m'għandhomx "dritt" li jkunu mismugħa qabel ma l-Gvern jesproprja l-proprjetà tagħhom, għax dan hu dritt tal-Gvern li joħroġ mil-liġi u li jiġi eżerċitat fil-mansjoni tiegħu bħala awtorità ċivili. Huma l-iskop u l-metodoloġija użat fl-esproprju li huma kontestabbli, mhux id-dritt *ut sic* tal-esproprju.

«Ir-rikorrenti, b'dawn il-proċeduri, mhux qed jikkontestaw ir-regolarità proċedurali tal-esproprju, u lanqas, f'dan l-istadju, l-adegwatezza tal-kumpens offrut (għalkemm ġà irriffjutaw il-kumpens offrut) iżda l-iskop li għalih sar l-esproprju u l-mod ta' kif sar.

«Skond il-liġi, senjament, il-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Artijiet ma hu bl-ebda mod obbligat li jikkonsulta ruħu jew jagħti smigħ lill-persuni interessati, inkluż is-sidien, qabel ivara l-proċedura ta' esproprjazzjoni. Lanqas il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jirrikjedu dan, basta li l-proċess isir fl-interess pubbliku u s-sidien jingħataw kumpens ġust.

«Trattat issa l-iskop tal-esproprju in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-intimati irnexxielhom jissodisfaw dan l-oneru mixħut fuqhom, u wrew li l-interess pubbliku kien jiġġustifika l-esproprju kontestat. Mill-provi jirriżulta li fl-1984, il-Gvern ta' dak iż-żmien kien nieda politika għall-protezzjoni tal-ambjent, u t-*Town Planning Division* tal-Ministeru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura kien ħareġ avviż lill-pubbliku biex min hu interessat japplika għal *areas* li jkollhom bellezza naturali. Fil-fatt, fl-avviż, ingħad li:
"*The public is therefore being invited to identify features of the Maltese cultural and natural heritage, which it feels should be included in the Conservation and Preservation Plan*".
«Ċertu Anthony Camilleri, li joqgħod in-Nadur fl-inħawi tas-sit in kwistjoni, tefa' suġġeriment li tiġi salvagwardata l-veduta pittoreska fin-naħa tan-nofsinhar tan-Nadur. Għall-ħabta tal-1985 ġew xi membri tal-bord inkarigati mill-proċess, ħadu xi ritratti tal-area indikata minn din il-persuna, u beda l-proċess. Infetaħ *file* bi pjanta li ġġib in-numru LD 116/A/84.
«Xi żmien wara, il-Gvern iddeċieda li jwettaq il-proġett u esproprja l-art b'dikjarazzjoni maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 1991. Din l-art tmiss, f'livell aktar baxx, mal-proprjetà tar-rikorrenti. L-iskop tal-esproprju kien biex il-pubbliku in ġenerali u t-turisti jkunu jistgħu jgawdu l-veduta sabiħa li, bla dubju, hemm mill-inħawi. Din l-art esproprjata, li qabel kienet tal-Knisja tan-Nadur, ġiet irranġata fil-*belvedere* meritu ta' din il-kawża.
«Ir-rikorrenti riedu jiżviluppaw l-art tagħhom li, kif ingħad, tiġi taħt il-*belvedere*. L-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda mill-Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar (*MEPA*), peress li qiesu li s-sit ma kienx żviluppabbli u kienet *green area*; kienet area li tinsab ġo *development zone*, però fi "*green area – no buildings*".
«B'hekk, il-permess għall-iżvilupp tal-*belvedere* seta' joħroġ, iżda mhux għall-bini. Apparti dan, ir-rikorrenti riedu jtellgħu ħajt diviżorju li jifred l-art tagħhom u l-art tal-Gvern, żviluppata *f'belvedere*, u wara li ma sarx ftehim fuq dan, fetħu kawża fil-Qrati t'Għawdex biex ikunu awtorizzati jtellgħu il-ħajt; fil-kontumaċja tal-Kummissarju tal-Artijiet, il-Qorti awtorizzat it-tlugħ tal-ħajt sal-għoli indikat minnha.

«Il-Gvern wera traskuraġni kbira li ma kkontestax dik il-kawża, però, meta ra li, bit-tlugħ tal-ħajt, kien se jiġi ippreġudikat il-*belvedere* u l-iskop tal-esproprjazzjoni li saret fl-1991, ra x'għamel biex "ikkoreġa" għan-nuqqasijiet tiegħu u jsalva l-proġett, u ħareġ l-ordni tal-esproprju tal-2008. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-esproprju kien meħtieġ fl-interess pubbliku, għax darba seħħet l-esproprju tal-1991, u din la ma ġiet bl-ebda mod kontestata, saret definittivament għal skop pubbliku, kien meħtieġ li dak l-iskop jibqa' effettiv u biex isir dan kellha ssir l-esproprjazzjoni tal-2008. Ma hemm xejn ħażin, meta l-Gvern jara li proġett mniedi żmien ilu jkun se jkollu l-effetti tiegħu frustrati, li jipprova jirrimedja għall-istess. Il-Gvern jista' jirrimedja anke għan-nuqqasijiet tiegħu. Hekk, per eżempju jekk il-Gvern jesproprja art b'titolu ta' użu u joffri kera baxxa, liema esproprju jiġi dikjarat li jkun jikser id-drittijiet fundamentali tas-sid, il-Gvern ma jagħmel xejn ħażin jekk jittenta jesproprja l-istess proprjetà b'titolu ta' dominju pubbliku u joffri kumpens akbar – dejjem jekk l-iskop ikun wieħed ta' interess ġenerali. Fi kliem ieħor, ma hemm xejn kontra li l-Gvern jipprova jagħmel tajjeb għan-nuqqas riskontrat mill-Qrati ta' dawn il-gżejjer … … …

«F'dan il-każ, il-Gvern sab ruħu f'sitwazzjoni fejn intwera li l-esproprjazzjoni li saret fl-1991 ma kinitx biżżejjed biex twassal għall-iskop tagħha, għax billi kien ħa art tal-Knisja u mhux tar-rikorrenti adjaċenti, sab li, bil-ħajt li riedu jtellgħu r-rikorrenti fuq il-konfini, il-proġett se jisfuma fix-xejn, għax tiġi ostakolata l-veduta li l-Gvern ried jipproteġi bl-esproprju li sar fl-1991. Hu veru li kieku l-Gvern ipparteċipa b'mod attiv fil-kawża li fetħu r-rikorrenti biex jinbena l-ħajt diviżorju, is-sitwazzjoni preżenti forsi kienet tiġi evitata (ingħad "forsi" għax bi dritt ċivili, kull proprjetarju għandu dritt li jtella' ħajt fuq il-konfini sa għoli li tistabbilixxi l-liġi, u kontestazzjoni mill-intimat f'dan il-każ mhux neċessarjament kienet twassal għall-konklużjoni differenti), però jibqa' l-fatt li la darba fl-1991 kienet saret esproprjazzjoni għal skop pubbliku, fl-2008 kien meħtieġ esproprju ieħor għall-istess skop pubbliku li kien jeżisti fl-1991 u li baqa' mhux kontestat. Biex jinħoloq *belvedere* fl-interess ġenerali hu ċertament proġett fl-interess pubbliku u biex dan il-proġett jibqa' effettiv u gawdut, għandu għalhekk jitqies aġir fl-interess pubbliku.

«Hu veru li, bil-proġett, ir-residenti fit-triq li tmiss mal-*belvedere* sejrin, forsi, igawdu aktar minn kulħadd peress li d-djar tagħhom se jkunu magħmra b'veduta sabiħa, però dan ma jeskludix l-iskop pubbliku jekk jirriżulta interess ġenerali fit-twettiq ta' dak il-proġett. La darba mill-esproprjazzjoni se jgawdi l-poplu Malti u Għawdxi kollu b'mod ġenerali, l-iskop jibqa' wieħed aċċettat, avolja jista' jkun hemm xi individwi li jistgħu jgawdu aktar mill-oħrajn mit-twettiq ta' l-istess proġett. It-teħid tal-art f'dan il-każ ma saritx biex takkomoda l-interessi purament personali ta' terzi privati, iżda bl-iskop li għandu x'jaqsam ma jew jiswa' għall-interess jew qadi tal-pubbliku. *Inoltre*, kif ingħad, l-iskop tal-esproprjazzjoni li saret fl-2008 kien biex jibqa' fis-seħħ l-iskop tal-esproprjazzjoni li saret fl-1991, u din l-aħħar esproprjazzjoni u l-iskop tiegħu qatt ma ġew kontestati.

«Għar-rigward tal-ilment dwar diskriminazzjoni, bażata fuq il-fehmiet politiċi tar-rikorrenti, din il-Qorti ssib li dan l-ilment ukoll mhux ġustifikat. Kif ingħad, il-proġett kellu l-bidu tiegħu fl-1984 meta f'Malta kien hemm Gvern Laburista, u tkompla u ġie fi tmiemu taħt Gvern Nazzjonalista. L-ewwel esproprjazzjoni saret fl-1991, meta l-Prim'Ministru ta' Malta kien Dr Eddie Fenech Adami u President Dr Vincent Tabone; dawn bdew jagħtu effett legali lill-iskema li kienet inbdiet fl-1984, meta l-Prim'Ministru ta' Malta kien Dr Karmenu Mifsud Bonnici u f'kull każ ma jidhirx li kien hemm motivazzjonijiet politiċi partiġġjani wara l-ħsibijiet taż-żewġ Gvernijiet li, milli jirriżulta, kienu motivati biss b'interess ambjentali. Ma kien hemm ebda oppożizzjoni għall-proġett f'dawk iż-żminijiet, u dak li seħħ fl-2008 kien biss kontinwazzjoni ta' dak li seħħ qabel. Veru li din l-aħħar esproprjazzjoni saret meta l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, kienet qed isservi ta' aġent Prim'Ministru u gawdew minnha residenti li l-aktar li jappoġġja huwa l-partit li din timmilita fih, però ma jirriżultax li l-esproprju sar minħabba l-intervent tagħha.

«Mhux eskluż, anzi hu probabbli li r-residenti tal-lokal li kienu ta' fehma politika bħal tal-Ministru Debono, meta raw l-insistenza tar-rikorrenti biex itellgħu l-ħajt, kellmuha jew għaddewlha xi kummenti dwar x'kien qed jiġri, però ma jirriżultax li hi interveniet fil-materja jew tat xi ordnijiet

biex jiġu aġevolati l-kostitwenti tagħha. Ġie ppruvat li d-deċiżjoni għall-esproprjazzjoni ħadha s-Sur Albert Mamo, li jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Artijiet, wara li ddiskuta l-materja ma' avukati fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, u dan ħa dik id-deċiżjoni biex jissalvagwardja l-*belvedere* u mhux għax qaltlu xi ħaġa l-Onor. Ministru Debono.

«Fil-fatt, irriżulta li d-deċiżjoni għall-esproprjazzjoni ttieħdet fl-14 ta' Marzu, 2008, waqt laqgħa fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li attendew għaliha l-imsemmi Albert Mamo, Dr Peter Grech u Dr Hubert Theuma, avukat anzjan u avukat rispettivament fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, u ma tirriżulta ebda pressjoni jew ordni politika fir-rigward. Darba li ttieħdet din id-deċiżjoni, il-Ministru għal Għawdex ġie infurmat u mitlub jieħu l-passi sabiex issir l-esproprjazzjoni. Din imbagħad saret meta l-Onor. Giovanna Debono kienet aġent Prim'Ministru, iżda ma saritx minħabba fiha jew wara pressjoni tagħha.

«Ma ġiex muri li r-rikorrenti ġew trattati b'xi mod diskriminatorju. Ma ġiex muri li, f'sitwazzjonijiet simili, l-awtoritajiet imxew b'mod differenti magħhom milli mxew ma' oħrajn. Ma ġiex muri, lanqas, li sar dak li sar minħabba t-twemmin politiku tar-rikorrenti u/jew tar-residenti tat-triq adjaċenti l-*belvedere*, u, minn dak li jirriżulta, jidher li l-ħsieb kien dejjem motivat b'interessi ambjentali. L-esproprju tal-2008 ma kellu ebda ħsieb ulterjuri ħlief li jipproteġi l-esproprju li kien sar fl-1991, u kif ġà ingħad, għalkemm setgħu gawdew b'mod dirett xi sezzjoni ta' nies partikolari, l-esproprjazzjoni ma saritx minħabba fihom, iżda fl-interess ġenerali biex tibqa' gawduta l-veduta in kwistjoni. … … …

«L-interess huwa privat meta m'għandux applikazzjoni għall-ġeneralità taċ-ċittadini, tal-universalità tal-pubbliku fl-istat. Fil-każ taħt l-eżami, l-esproprjazzjoni, anke bil-mod li saret u meta saret, manifestament kellha applikazzjoni ta' benefiċċju għall-kollettività.»

**L-Appell tal-Atturi**

13. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Mejju 2010. L-aggravji tagħhom huma dwar (i) iċ-ċaħda li kien hemm ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll; (ii) iċ-ċaħda li kien hemm ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni; u (iii) iċ-

ċaħda li kien hemm diskriminazzjoni politika kontra l-atturi bi ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni. Il-konvenuti wieġbu fl-20 ta' Mejju 2010.

**L-Aggravju dwar il-Jedd għat-Tgawdija tal-Proprjetà**

14. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni li ma kien hemm ebda ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-proprjetà mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. L-atturi jgħidu illi bis-saħħa tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2004 huma kisbu l-jedd, jew, aħjar, kien ġudizzjarjament magħruf il-jedd tagħhom, illi jibnu ħajt bejn il-proprjetà tagħhom u dik tal-gvern esproprjata fl-1991. Igħidu illi ġew imċaħħda minn dan il-jedd bl-esproprjazzjoni li saret fl-2008, li saret "bil-għaġla", u bil-ħsieb li twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza, tant illi saret jumejn biss qabel ma kellha tiġi esegwita s-sentenza.

15. Igħidu wkoll illi l-esproprjazzjoni ma saritx għal skop pubbliku iżda fl-interess tal-privati:

«… … … l-istess espropriazzjoni ma kinitx meħtiega għal "skop pubbliku" kif bir-rispett kollu irriteniet l-ewwel onorabbli qorti. L-espropriazzjoni in diżamina saret proprju biex ftit nies li huma midħla sew tal-Ministru għal Għawdex ma jitilfux il-veduta li għadhom igawdu s'issa mill-proprjetà tagħhom. Kwindi ma jeżisti l-ebda bilanċ bejn l-interess pubbliku rikjest u l-interessi privati tal-esponenti. *Inoltre* l-bilanċ rikjest ma jeżistix *stante* li irriżulta ampjament ċar illi l-esponenti se jsofru pregudizzju eċċessiv *stante* li l-esponenti ma jistgħux jiżviluppaw l-art tagħhom kif ippjanat filwaqt li ftit metri biss bogħod mill-istess art individwi privati oħra mhux talli se jibqgħu jgawdu l-proprjetà tagħhom imma talli se jawmenta l-valur tal-istess proprjetà.»

16. Dan l-aggravju huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, ampjament infondat għax il-qorti taqbel għal kollox mar-raġunijiet imressqa mill-ewwel qorti biex turi illi tassew it-teħid sar fl-interess pubbliku. L-iskop tat-teħid tal-art fl-2008 kien l-istess bħal dak fl-1991, li ma ġiex kontestat: illi titħares il-veduta li jgawduha mhux biss in-nies tal-post – kif iridu jgħidu l-atturi – iżda kull min iżur l-inħawi. Jekk kien ġustifikat l-iskop tat-teħid tal-1991, kien ukoll ġustifikat dak tal-2008 li, kif fissret sewwa l-ewwel qorti, sar b'mod proporzjonat u daqskemm meħtieġ biex ma jinġiebx fix-xejn l-iskop tat-teħid tal-1991, li ċertament kien

jiġi frustrat bil-bini ta’ ħajt li aktar iva milli le kien sejjer isir *ad æmulationem* għax kien ifixkel sew il-veduta li hemm interess ġenerali u leġittimu li tiġi mħarsa.

**L-Aggravju dwar il-Jedd għal Smigħ xieraq**

17. It-tieni aggravju jolqot id-deċiżjoni illi ma kien hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. L-argument tal-atturi huwa mibni fuq il-fatt illi, waqt illi huma mexxew bil-qorti u kisbu vindikazzjoni ġudizzjarja tal-jedd tagħhom li jibnu l-ħajt, il-gvern bl-għemil tiegħu ġab fix-xejn is-sentenza li kisbu l-atturi bi ksur tal-prinċipji ta’ *equality of arms*, *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*:

«… … … bl-aġir tal-intimati huma nkisrilhom id-dritt mogħti lilhom bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex bil-mod kif ipproċedew l-intimati huma la kellhom l-opportunità li jingħataw smigħ xieraq u wisq inqas l-istess deċiżjoni[jiet] ġew mogħtija minn tribunal indipendenti u imparzjali. Bil-kontra, id-deċiżjonijiet ġew meħuda mill-awtoritajiet b’mod arbitrarju fejn lill-esponenti ippruvaw jagħalqulhom ħalqhom billi wara snin jippruvaw ifixklu l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-aħħar sabu skuża biex jinnewtralizzaw l-effetti tal-istess sentenza b’tali mod li l-eżekuzzjoni tagħha llum hija wada impossibbli.

«… … … l-agħar forma ta’ negazzjoni ta’ smigħ xieraq hi li meta wara l-otteniment ta’ deċiżjoni ġudizzjarja, u wara li l-awtoritajiet kellhom kull opportunità sabiex jikkontestaw tali proċeduri, baqgħu għal kollox inerti; u wara li l-istess awtoritajiet jirrealizzaw bit-traskuraġni manifesta tagħhom jippruvaw jinnewtralizzaw l-otteniment tad-deċiżjoni ġudizzjarja billi jirrikorru għall-pożizzjoni dominanti tagħhom li taghtihom il-liġi.»

18. It-teżi tal-atturi hija mibnija fuq l-argument fallaċi illi ma jistax isir teħid għal skop pubbliku ta’ jedd magħruf ġudizzjarjament, bħallikieku *una volta* li hemm deċiżjoni ġudizzjarja illi proprjetà hija ta’ persuna, dik il-proprjetà ma tista’ tintlaqat qatt b’ordni ta’ esproprjazzjoni.

19. Il-verità hija li dik l-art, bħal kull art oħra, tista’ tittieħed għal skop pubbliku – li ġà rajna li jeżisti f’dan il-każ – u b’kumpens xieraq. Fil-każ tallum dak ġara, u l-proċedura għat-teħid tal-art imxiet kif timxi f’kull każ ta’ esproprjazzjoni. Il-proċess li jwassal għat-teħid tal-art

huwa għemil amministrattiv, mhux ġudizzjarju, għalkemm, bħal kull għemil amministrattiv ieħor, huwa soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju, u huwa proċess magħruf u aċċettat kemm mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni u kemm mill-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

20. L-atturi, bħal kull min titteħidlu art għal skop pubbliku, b'hekk ma ġewx imċaħħda minn aċċess għal qorti – fejn jitħarsu l-prinċipji ta' *equality of arms*, *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria* – għax jistgħu quddiem qorti jikkontestaw l-iskop pubbliku tat-teħid u l-*quantum* tal-kumpens.

21. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

**L-Aggravju dwar Diskriminazzjoni**

22. L-aħħar aggravju tal-atturi jolqot id-deċiżjoni li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni politika kontriehom. Qegħdin igħidu hekk għax igħidu illi n-nies tal-lokal, li kienu kontra l-bini tal-ħajt mill-atturi, huma tal-istess fehma politika bħal ma hija l-Ministru għal Għawdex waqt illi l-atturi għandhom fehma politika oħra, u għalhekk, igħidu l-atturi, bilfors kien hemm "involviment" tal-ministru.

23. Ġà rajna li kien hemm skop pubbliku leġittimu għat-teħid tal-art u, la dan hu hekk, ma kien hemm xejn ħażin li kieku l-ministru tassew tat is-sehem tagħha biex l-iskop pubbliku jitwettaq u l-interess ġenerali jitħares. Il-fatt illi mal-proġett qablu nies tal-istess fehma politika bħall-ministru u ma qablux miegħu l-konvenuti li għandhom fehma politika oħra ma jfissirx illi minħabba f'hekk idejn il-ministru huma marbuta u ma għandha tagħmel xejn, bħallikieku ministru tal-gvern jista' jagħmel biss dak li jaqblu miegħu l-avversarji politiċi tiegħu għax inkellu jkun qiegħed jagħmel diskriminazzjoni kontriehom.

24. L-atturi iżda jgħidu wkoll illi hemm diskriminazzjoni politika mhux f'sens partiġjan, imsejsa fuq kulur politiku, iżda minħabba aċċess għall-widna tal-ministru, fis-sens illi min hu b'xi mod jew ieħor qrib tal-ministru għandu opportunità akbar li jwassal leħnu:

«… … … tista' teżisti diskriminazzjoni politika iktar sottili minn dik ta' sempliċi differenza ta' kulur politiku. … … … Kif ħareġ ċar mill-provi r-residenti li għandhom interess li ma jinbeniex il-ħajt tal-esponenti għandhom kollha konnessjonijiet politiċi evidentissimi mal-Ministru ta' Għawdex. Dan il-fatt fih innifsu jpoġġihom f'pożizzjoni ta'

vantaġġ biex jeżerċitaw pressjoni biex ix-xewqat tagħhom jimmanifestaw ruħhom daqs li kieku huma r-rieda tal-Gvern. … … … Illi *dato ma non concesso* illi din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li m'hemmx diskriminazzjoni politika f'sens ortodoss u partiġġjan, li għal kull buon fini jingħad illi dan ġie ġà pprvuat, biex jiġi apprezzat ix-xorta ta' diskriminazzjoni politika f'sens wiesa' tal-kelma, u mhux biss dejjaq ta' kif s'issa bħal donnu dejjem ġiet interpretata, huwa konċepibbli li jista' jkun hemm diskriminazzjoni politika anke bejn persuni tal-istess twemmin politiku. Dan qed jingħad għaliex anke l-każ li għandha quddiemha l-onorabbli Qorti jirrigwarda nies li huma qrib u għandhom aċċess faċli għall-Ministru tal-ġurnata, u li allura l-influwenza tagħhom fuqha sabiex jottjenu dak li jixtiequ tista' tippreġudika anke persuni li jistgħu jkunu jħaddnu l-istess twemmin politiku. L-element tad-diskriminazzjoni politika f'każ bħal dan ikun jeżisti billi persuna jkollha influwenza politika ikbar minn persuna oħra biex tottjeni vantaġġ għaliha nfisha jew għal ħaddiehor, bi preġudizzju għad-drittijiet ta' persuna oħra indipendentement mit-twemmin politiku tagħha.»

25. Din, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex ħlief spekulazzjoni ipotetika, u, jekk tiġi aċċettata bħala argument validu, tkun tfisser illi l-ministri tal-gvern ma jistgħu jitkellmu ma' ħadd ħlief mal-kapijiet tad-dipartimenti li jaqgħu taħthom. Tassew illi ċerti nies ikunu aktar qrib minn oħrajn għal min għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijet iżda fiż-żminijiet tallum kulħadd għandu l-mezz biex iwassal leħnu quddiem l-awtoritajiet li, wara kollox, ma humiex biss il-ministri tal-gvern.

26. Li hu relevanti hu illi ntwera illi d-deċiżjoni li tittieħed l-art ittieħdet mill-awtorità kompetenti, u mhux mill-Ministru ta' Għawdex, u għal skop leġittimu. Il-fatt li min ma qabilx mad-deċiżjoni ma jaqbilx ukoll mal-fehma politika tal-ministru u ma għandux aċċess faċli għall-ministru daqskemm għandu ħaddieħor ma jfissirx illi *ipso facto* saret diskriminazzjoni kontrieh, kif qegħdin jaħsbu l-atturi.

27. L-atturi jagħalqu b'dan l-argument biex juru illi hemm diskriminazzjoni bi ksur tal-art. 14 tal-Konvenzjoni:

«Illi jrid jiġi sottolineat illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni għandu elementi differenti minn dak tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni fis-sens segwenti:

«Illi r-referenza għall-istanzi tax-xorta ta' diskriminazzjoni taħt il-Konvenzjoni mhijiex waħda eżawrenti, tant illi l-istess artikolu jagħmel referenza li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet oħra li mhux bilfors previsti speċifikament mill-artiklu, bil-frażi 'fost oħrajn'.
«Illi *di più* differentement mill-Kostituzzjoni tagħna, l-artikolu 14 ma għandux applikazzjoni awtonoma imma jrid ikun abbinat ma' xi ksur ta' artikolu ieħor. Illi f'dan is-sens allura taħt il-Konvenzjoni teżisti diskriminazzjoni wkoll fiż-żewġ ċirkostanzi li ser jissemmew:
«1. Illi fl-ewwel lok il-Gvern huwa privileġġjat u għandu l-poter li jottjeni dak li seta' ottjena b'sentenza, mentri l-esponenti dak li ottjenew b'sentenza ma jistgħux jottjenuh bil-mod ta' kif qed tintuża l-espropjazzjoni min-naħa tal-Gvern. Illi f'dan il-każ mhux qiegħda tiġi attakkata d-dritt *per se* tal-Gvern, għax dak dejjem jibqa' poter assolut tiegħu fl-interess pubbliku, iżda għall-mod kif irrikorra għal dan id-dritt fid-dawl tad-deċiżjoni ottjenuta mill-esponenti.
«2. Illi teżisti diskriminazzjoni wkoll a bażi tad-dritt tat-tgawdija u l-użu ta' proprjetà u dan għaliex proprju dan il-*belveder* diġà jinsab mibni minn terzi li allura qegħdin f'sitwazzjoni li jgawdu l-proprjetà tagħhom, illi n-nies li joqogħdu faċċata ta' dan il-*belveder* se jkollhom il-proprjetà tagħhom inostakolata u allura qed igawdu l-massimu tagħha, mentri l-esponenti għandhom proprjetà li mhux biss ma tistax tkun konfinata minn dik li tappartjeni lill-gvem, iżda saħansitra b'konsegwenza ta' din l-espropjazzjoni ser titteħdilhom parti minn din il-proprjetà li tinsab f'livell aktar baxx mill-*belveder*. Id-diskriminazzjoni tinsab fil-fatt illi minħabba dak kollu li ngħad aktar 'il fuq hemm min se jgawdi l-proprjetà tiegħu b'mod l-aktar assolut u xxamplat, minħabba d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet konċernati, filwaqt li l-esponenti ser jiġu privi milli jesegwixxu tali sentenza u issa b'konsegwenza tal-istess esproprjazzjoni anke tilfu parti mill-proprjetà.»
28. L-ewwel ċirkostanza msemmija mill-atturi ma hijiex ħlief ripetizzjoni taħt libsa oħra tal-argument imressaq fl-ewwel żewġ aggravji, fis-sens illi l-gvern qiegħed jinqeda bis-setgħa li jieħu proprjetà għal skop pubbliku biex iġib fix-xejn l-effetti ta' sentenza. Rajna iżda illi l-iskop għat-teħid tal-art huwa wieħed pubbliku u leġittimu, u l-fatt illi

dritt fuq l-art kien magħruf ġudizzjarjament ma jfissirx illi dik l-art ma tistax aktar tittieħed għal skop pubbliku,

29. Safejn imbagħad irid jgħid illi hemm diskriminazzjoni għax il-gvern jista' jinqeda b'setgħa pubblika waqt illi privat ma jistax jinqeda b'dik is-setgħa l-argument tal-atturi huwa assurd.

30. L-atturi jaraw diskriminazzjoni fit-tieni ċirkostanza għax ħaddieħor għadu qiegħed igawdi l-proprjetà tiegħu, u anzi qiegħed igawdiha aktar għax l-ambjent sbieħ bit-teħid tal-art tal-atturi, waqt illi l-atturi ġew imċaħħda minn ħwejjiġhom.

31. Qabel xejn għandu jingħad illi, kif sewwa fissret l-ewwel qorti, mhux biss min joqgħod faċċata tal-*belvedere* sejjer igawdi minn dan il-proġett. Barra minn hekk, biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni ma' min titteħidlu l-proprjetà mhux bilfors illi trid tittieħed il-proprjetà ta' kulħadd fl-istess inħawi. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jrid ukoll illi ma titteħidx art privata aktar milli meħtieġ għall-għan pubbliku. Iżda waqt illi s-sidien l-oħra li ma tteħditilhomx l-art ma għandhomx jedd għal kumpens, l-atturi għandhom jedd jingħataw kumpens xieraq u proporzjonat għal dak li qegħdin jitilfu. Li trid il-liġi ma huwiex li ma jiġix sagrifikat l-interess privat għal dak ġenerali, iżda illi meta hu meħtieġ dak is-sagrifiċċju min ibati jingħata kumpens xieraq.

32. Il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni bi ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Alberto J. Magri | Geoffrey Valenzia | Giannino Caruana Demajo | |
| Imħallef | | Imħallef | Imħallef |

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------